

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: F. Mattina, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Fasel Srl (Bologna, l-Italja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Jannar 2012 (Każ R 2478/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Aventis Pharmaceuticals, Inc. u Fasel Srl.

### Dispożittiv

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tas-26 ta' Jannar 2012 (Każ R 2478/2010-1) hija annullata.
- (2) Il-kumplement tar-rikors huwa miċħud.
- (3) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk ta' Aventis Pharmaceuticals, Inc., għall-finijiet tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u quddiem il-Bord tal-Appell.

(<sup>1</sup>) ĠU C 165, 9.6.2012.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2013 — Metropolis Inmobiliarias y Restauraciones vs UASI — MIP Metro (METRO)**

(Kawża T-197/12) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark figurattiva Komunitarja METRO — Trade mark figurattiva Komunitarja preċedenti GRUPOMETROPOLIS — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Dritt għal smigħ xieraq — Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali — Artikoli 75 u 76 tar-Regolament Nru 207/2009”)*

(2013/C 252/48)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Metropolis Inmobiliarias y Restauraciones, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Poch, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-1 ta' Marzu 2012 (Każ R 2440/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Metropolis Inmobiliarias y Restauraciones, SL u MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Metropolis Inmobiliarias y Restauraciones, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 209, 14.07.2012.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2013 — Think Schuhwerk vs UASI (Estrematijiet ħomor tal-lazzijiet taż-żraben)**

(Kawża T-208/12) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja — Estrematijiet ħomor tal-lazzijiet taż-żraben — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Proċedura fil-kontumaċja”)*

(2013/C 252/49)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Think Schuhwerk GmbH (Kopfung, l-Awstrija) (rappreżentant: M. Gail, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-23 ta' Frar 2012 (Każ R 1552/2011-1), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' sinjal li jikkonsisti minn estrematijiet ħomor tal-lazzijiet taż-żraben bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Think Schuhwerk GmbH għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 209, 14.07.2012.